# L-UNJONI EWROPEA U L-FORESTI

Peress li t-Trattati ma jsemmux il-foresti b'mod speċifiku, l-Unjoni Ewropea m'għandhiex politika forestali komuni. Il-politika forestali għalhekk tibqa' primarjament kompetenza nazzjonali, iżda bosta azzjonijiet Ewropej, minkejja dan, għandhom impatt fuq il-foresti tal-Unjoni u tal-pajjiżi terzi.

X'inhi foresta? Għal din il-mistoqsija, li tidher sempliċi, ma teżistix risposta komuni għall-Istati Membri kollha. Madankollu, għall-finijiet tal-istatistika forestali internazzjonali, il-Eurostat isegwi skema ta' klassifikazzjoni stabbilita mill-Organizzazzjoni tal-Ikel u l-Agrikoltura (FAO) tan-Nazzjonijiet Uniti u japplika d-definizzjoni li ġejja: foresta hija art b'kopertura ta' qċaċet tas-siġar (jew livell ekwivalenti ta' ħżin) ta' aktar minn 10% u żona ta' aktar minn 0.5 ettari. Is-siġar għandhom ikunu jistgħu jilħqu għoli minimu ta' 5 metri meta jimmaturaw *in situ*.

## IS-SITWAZZJONI TAL-FORESTI FL-UNJONI EWROPEA: EKOSISTEMI PREZZJUŻI B'ĦAFNA WĊUĦ U UŻI

### A. Il-pajsaġġ forestali Ewropew, mużajk fil-biċċa l-kbira tiegħu ffurmat mill-bniedem

Definiti b'dan il-mod, il-foresti tal-Unjoni Ewropea jinfirxu fuq 182 miljun ettaru (5% tal-erja forestali dinjija). B'kollox, il-foresti jkopru 43% tat-territorju tal-UE u s-sitt Stati Membri bl-akbar żoni forestali (l-Iżvezja, il-Finlandja, Spanja, Franza, il-Ġermanja u l-Polonja) jirrappreżentaw żewġ terzi taż-żoni forestali tal-Unjoni Ewropea (3.2.10). Barra minn hekk, fil-livell nazzjonali, l-importanza tagħhom tvarja ħafna: filwaqt li aktar minn 60% tal-Finlandja, l-Iżvezja u s-Slovenja huma koperti bil-foresti, dan il-proporzjon jilħaq biss 11% fin-Netherlands u fir-Renju Unit. Barra minn hekk, għall-kuntrarju ta' bosta żoni fid-dinja, fejn id-deforestazzjoni għadha problema ewlenija, l-erja forestali tal-UE qiegħda tiżdied: din laħqet madwar 11-il miljun ettaru bejn l-1990 u l-2010, b'mod partikolari taħt l-effett tal-espansjoni naturali tagħha u l-isforzi ta' afforestazzjoni.

L-Unjoni għandha tipi diversi ta' foresti, ħaġa li tirrifletti d-diversità ġeoklimatika tagħha (foresti boreali, foresti koniferi Alpini, eċċ.). Fil-fatt, id-distribuzzjoni tagħhom tiddependi b'mod partikolari fuq il-klima, il-ħamrija, l-altitudni u t-topografija. Huma biss 4% tal-foresti li ma ġewx mittiefsa mill-bniedem, 8% huma mħawla u l-bqija jappartjenu għall-kategorija ta' foresti "seminaturali", jiġifieri magħmula mill-bniedem. Barra minn hekk, il-biċċa l-kbira tal-foresti Ewropej huma proprjetajiet privati (madwar 60% tal-erja, meta mqabbel ma' 40% ta' foresti pubbliċi).

## B. Il-multifunzjonalità tal-foresti: ir-rwol ambjentali, ekonomiku u soċjali tagħhom

Mill-perspettiva ambjentali, il-foresti jipprovdu diversi servizzi ekosistemiċi: huma jikkontribwixxu għall-ħarsien tal-ħamrija (kontra l-erożjoni), jipparteċipaw fiċ-ċiklu tal-ilma u jirregolaw il-klima lokali (b'mod partikolari permezz tal-evapotraspirazzjoni), kif ukoll il-klima globali (b'mod partikolari billi jaħżnu l-karbonju). Huma jħarsu wkoll il-bijodiversità billi jservu ta' ħabitat għal bosta speċijiet.

Mill-perspettiva soċjoekonomika, l-esplojtazzjoni tal-foresti tiġġenera r-riżorsi, prinċipalment l-injam. Mill-161 miljun ettaru ta' foresti, 134 miljun huma disponibbli għall-provvista tal-injam (l-ebda restrizzjoni legali, ekonomika jew ambjentali ma tillimita dan l-użu). Barra minn hekk, il-qtugħ f'din l-erja jirrappreżenta biss madwar żewġ terzi taż-żieda tal-volum annwali tal-injam. L-użu prinċipali tiegħu huwa għall-enerġija, bi 42% tal-volum, meta mqabbel mal-24% għall-postijiet fejn jisserraw l-injam il-kbir, 17% għall-industrija tal-karta u 12% għal dik tal-pannelli. Madwar nofs il-konsum tal-enerġija rinnovabbli fl-UE jiġi mill-injam. Barra minn hekk, il-foresti jipprovdu prodotti "mhux tal-injam" (għajr l-injam), fosthom prodotti tal-ikel (frott tal-bosk u faqqiegħ), sufra, reżini u żjut, b'mod partikolari. Iservu wkoll ta' sostenn għal ċerti servizzi (kaċċa, turiżmu, eċċ.). Il-foresti huma wkoll sors ta' impjieg, b'mod partikolari fiż-żoni rurali. Is-settur forestali (silvikultura, industrija tal-injam u l-karta) jirrappreżenta madwar 1% tal-PDG tal-UE — fil-Finlandja din iċ-ċifra tista' tilħaq 5% — u jimpjega madwar 2.6 miljun ruħ. Fl-aħħar nett, il-foresti għandhom post importanti fil-kultura Ewropea.

## C. Il-perikli abijotiċi u bijotiċi, sfidi intensifikati minħabba t-tibdil fil-klima

Fost il-fatturi abijotiċi (jiġifieri fiżiċi jew kimiċi) li jheddu l-foresti, nistgħu nsemmu n-nirien (b'mod partikolari fiż-żona tal-Mediterran), in-nixfiet, it-tempesti (bħala medja, matul l-aħħar sittin sena, żewġ tempesti kbar ħafna fis-sena) u t-tniġġis atmosferiku (emissjonijiet mit-traffiku fit-toroq jew mill-installazzjonijiet industrijali). Barra minn hekk, il-frammentazzjoni tal-foresti li ġejja mill-kostruzzjoni ta' infrastrutturi tat-trasport tirrappreżenta riskju għall-bijodiversità. Fir-rigward tal-fatturi bijotiċi, l-annimali (insetti, ċriev) u l-mard jistgħu jagħmlu l-ħsara lill-foresti. B'kollox, madwar 6% tal-erja ssirilha ħsara b'minn tal-anqas wieħed minn dawn il-fatturi.

It-tibdil fil-klima diġà jirrappreżenta sfida għall-foresti Ewropej. Filwaqt li l-impatt preċiż tiegħu jvarja skont il-post ġeografiku, it-tibdil fil-klima x'aktarx li jaffettwa mhux biss ir-rata ta' tkabbir tal-foresti, il-kopertura tal-art tal-foresti u l-firxa ta' speċijiet, iżda anke l-firxa ta' aġenti bijotiċi bħal ċerti parassiti, u saħansitra l-frekwenza u l-intensità tal-fenomeni meteoroloġiċi estremi. L-adattament tal-foresti għal dawn l-evoluzzjonijiet u l-parteċipazzjoni tagħhom fil-ġlieda kontrihom (bis-saħħa, pereżempju, tas-sostituzzjoni bl-injam għall-enerġija u b'materjali mhux rinnovabbli) jirrappreżentaw żewġ sfidi ewlenin.

Għaldaqstant, il-foresti tal-Unjoni huma soġġetti għal ħafna aspettattivi, xi kultant f'kompetizzjoni ma' xulxin, kif juru t-tensjonijiet li jeżistu bejn l-esplojtazzjoni u l-ħarsien tagħhom. Waħda mill-kwistjonijiet prinċipali għall-governanza forestali tikkonsisti mir-rikonċiljazzjoni ta' dan it-tip ta' diffikultajiet.

## IL-POLITIKI U L-INIZJATTIVI FORESTALI FL-UNJONI EWROPEA: L-ISFIDA TAL-KOERENZA

Peress li t-Trattati ma jsemmux il-foresti b'mod speċifiku, l-Unjoni m'għandhiex politika forestali komuni. Il-politika forestali tibqa' għaldaqstant l-ewwel u qabel kollox kompetenza nazzjonali. Madankollu, bosta azzjonijiet Ewropej għandhom impatt fuq il-foresti tal-Unjoni u tal-pajjiżi terzi.

**A.** Qafas ta' referenza Ewropew ġdid għall-azzjonijiet forestali

F'Settembru 2013, il-komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar "Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti [COM(2013)0659] iddefiniet l-istrateġija l-ġdida tal-Unjoni u pproponiet qafas Ewropew ta' referenza għat-tħejjija tal-politiki settorjali li għandhom impatt fuq il-foresti. Din l-istrateġija għandha żewġ objettivi ewlenin: (1) tiżgura li l-foresti Ewropej jiġu ġestiti b'mod sostenibbli u (2) issaħħaħ il-kontribut tal-Unjoni biex tiġi promossa l-ġestjoni sostenibbli tal-foresti u tiġi miġġielda d-deforestazzjoni globali. Dan id-dokument jagħti wkoll linji gwida strateġiċi għall-azzjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea u tal-Istati Membri. Pereżempju, il-Kummissjoni ppjanat li tiżviluppa kriterji għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti. F'Settembru 2015, adottat il-pjan ta' implimentazzjoni pluriennali ta' akkumpanjament tal-istrateġija tal-UE għall-foresti [SWD(2013)0343]. Din l-hekk imsejħa "Forest MAP" tfassal lista ta' azzjonijiet li għandhom jittieħdu b'reazzjoni għall-isfidi fis-settur Ewropew tal-injam (għal aktar dettalji dwar l-istorja ta' dan il-proċess, ara wkoll it-taqsima dwar "Ir-rwol tal-Parlament Ewropew" hawn taħt).

**B.** L-azzjonijiet tal-Unjoni Ewropea li għandhom impatt fuq il-foresti: firxa kbira ħafna

**1.** Il-Politika Agrikola Komuni (PAK), sors prinċipali ta' finanzjament Ewropew għall-foresti

Madwar 90% tal-fondi tal-UE għall-foresti jiġu mill-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR). Matul il-perjodu ta' programmazzjoni 2007-2013, madwar EUR 5.4 biljun mill-baġit tal-FAEŻR ġew allokati għall-kofinanzjament tal-miżuri speċifiċi għall-foresti. Wara l-aħħar riforma tal-PAK, f'Diċembru 2013 ġie ppubblikat ir-regolament il-ġdid dwar l-appoġġ għall-iżvilupp rurali mill-FAEŻR [ir-Regolament (UE) Nru 1305/2013, 3.2.6]. Għal raġunijiet ta' simplifikazzjoni, għall-perjodu 2015-2020, miżura speċifika unika tinkludi t-tipi kollha ta' appoġġ għall-investimenti fil-foresti. Din il-miżura tkopri kemm l-investimenti fl-iżvilupp taż-żoni forestali kif ukoll it-titjib tal-vijabbiltà tal-foresti: l-afforestazzjoni u l-ħolqien ta' msaġar, l-istabbiliment ta' sistemi tal-agroforestrija, il-prevenzjoni u r-restawrazzjoni ta' ħsara fil-foresti minn nirien tal-foresti, diżastri naturali u avvenimenti katastrofiċi, investimenti li jtejbu r-reżiljenza u l-valur ambjentali tal-ekosistemi tal-foresti u investimenti f'teknoloġiji forestali u fl-ipproċessar, il-mobilizzazzjoni u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti forestali. Barra minn hekk, miżura oħra għandha l-għan li tikkumpensa s-servizzi ambjentali u klimatiċi b'rabta mal-foresti u l-ħarsien tal-foresti. Fl-aħħar nett, miżuri oħra, mhux speċifiċi għall-foresti, huma wkoll previsti (il-pagamenti skont Natura 2000 u skont id-Direttiva Qafas dwar l-Ilma, pereżempju). Huwa f'idejn l-Istati Membri li jagħżlu liema miżuri forestali jimplimentaw, kif ukoll l-ammonti finanzjarji involuti, fl-ambitu tal-programm tagħhom ta' żvilupp rurali. Madwar EUR 8.2 biljun ġew allokati għall-perjodu 2015-2020 (27%

għall-afforestazzjoni, 18% għat-titjib tar-reżiljenza tagħhom u 18% għall-prevenzjoni tal-ħsara).

**2.** L-azzjonijiet l-oħra tal-Unjoni Ewropea favur il-foresti

Il-kummerċjalizzazzjoni tal-materjal riproduttiv tal-foresti hija rregolata fil-livell Ewropew bid-Direttiva 1999/105/KE. Ir-reġim fitosanitarju Ewropew, min-naħa tiegħu, għandu l-għan li jiġġieled kontra t-tixrid ta' organiżmi li jagħmlu l-ħsara lill-foresti (id-Direttiva 2000/29/KE). Barra minn hekk, l-Unjoni tiddedika fondi għar-riċerka forestali, b'mod partikolari fil-qafas tal-programm Orizzont 2020. Il-politika dwar l-enerġija, min-naħa tagħha, stabbiliet bħala objettiv, vinkolanti legalment, li l-parti tal-enerġija rinnovabbli fil-konsum totali ta' enerġija għandha tiżdied għal 20% minn issa sal-2020, li għandu jżid id-domanda għall-bijomassa tal-foresta (id-Direttiva 2009/28/KE). Barra minn hekk, il-qafas il-ġdid tal-Unjoni dwar il-klima u l-enerġija għall-2030 jipprevedi li jżid din il-parti għal 27%. Proġetti forestali jistgħu wkoll jiġu kkofinanzjati fil-qafas tal-politika ta' koeżjoni, permezz tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (b'mod partikolari l-prevenzjoni tan-nirien, il-produzzjoni ta' enerġija rinnovabbli u t-tħejjija għat-tibdil fil-klima). Il-Fond ta' Solidarjetà (ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 2012/2002) min-naħa tiegħu għandu l-għan li jgħin lill-Istati Membri li jħabbtu wiċċhom ma' diżastri naturali ewlenin, bħat-tempesti u n-nirien fil-foresti. Fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' protezzjoni ċivili tal-Unjoni (id-Deċiżjoni Nru 1313/2013/UE), dan jista' jiġi attivat f'każ ta' kriżijiet li jkunu ferm akbar mill-kapaċità tal-Istat Membru, partikolarment għal ċerti nirien fil-foresti (il-Greċja fl-2007 u l-2012) u ċerti tempesti.

Barra minn hekk, madwar 37.5 miljun ettaru ta' foresta jappartjenu għan-netwerk Natura 2000 li jħares in-natura, imdaħħal fis-seħħ fil-qafas tal-politika ambjentali tal-Unjoni. L-użu razzjonali tal-foresti huwa waħda mill-prijoritajiet tematiċi tal-programm il-ġdid tal-Unjoni għall-Ambjent u l-Azzjoni Klimatika [LIFE 2014-2020, ir-Regolament (UE) Nru 1293/2013]. Barra minn hekk, l-Istrateġija tal-UE għall-Bijodiversità [COM(2011)0244] tipprevedi li minn issa sal-2010, se jiddaħħlu fis-seħħ pjanijiet ta' ġestjoni sostenibbli tal-foresti għall-foresti pubbliċi. Is-Sistema Ewropea ta' Informazzjoni dwar il-Foresti u n-Nirien (EFFIS), min-naħa tagħha, timmonitorja n-nirien fil-foresti. L-Unjoni tħeġġeġ ukoll l-akkwist pubbliku għal ambjent aħjar [COM(2008)0400], li jista' jiffavorixxi d-domanda għall-injam prodott b'mod sostenibbli; l-ekotikketta Ewropea ngħatat lill-parquets, l-għamara u l-karti. Barra minn hekk, il-pjan ta' azzjoni FLEGT jipprevedi "ftehimiet ta' sħubija volontarji" mal-pajjiżi li jipproduċu l-injam u regolament (ir-Regolament (UE) Nru 995/2010), fis-seħħ minn Marzu 2013, li ma jippermettix li jitqiegħed fis-suq injam miġbur illegalment.

L-Unjoni tipparteċipa wkoll f'bosta attivitajiet internazzjonali rigward il-foresti (b'mod partikolari l-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima). Fil-livell pan-Ewropew, Forest Europe tibqa' l-inizjattiva politika prinċipali fil-qasam forestali. Bħalissa għaddejjin diskussjonijiet dwar ftehim vinkolanti legalment li jikkonċerna l-ġestjoni u l-użu sostenibbli tal-foresti. Fil-qafas tal-politika tagħha dwar il-klima, minbarra l-parteċipazzjoni tagħha fin-negozjati globali dwar it-tnaqqis tal-emissjonijiet ta' gassijiet serra, l-Unjoni ħadet l-ewwel passi tagħha lejn l-integrazzjoni tal-agrikoltura u l-forestrija fil-politika tagħha dwar il-klima (id-Deċiżjoni Nru 529/2013/UE dwar regoli tal-kontabilità dwar l-emissjonijiet u l-assorbimenti tal-gassijiet serra li jirriżultaw mill-attivitajiet relatati mal-użu tal-art, mat-tibdil fl-użu tal-art u mal-forestrija). Barra minn

hekk, l-Unjoni għandha l-mira li twaqqaf it-telf ta' kopertura forestali globali sa mhux aktar tard mill-2030 u li tnaqqas id-deforestazzjoni tropikali b'mill-anqas 50% minn issa sal-2020 [COM(2008)0645]. Hija tiffinanzja wkoll proġetti fil-qafas tal-programm REDD+, bil-għan li jitnaqqsu l-emissjonijiet marbuta mad-deforestazzjoni u mad-degradazzjoni tal-foresti, fl-Asja, l-Afrika u l-Amerika Latina. Fl-aħħar nett, il-politika tal-viċinat tista' tagħti kontribut ukoll: il-programm FLEG II kellu EUR 9 miljun disponibbli għall-perjodu 2012-2016 biex jiġu appoġġati l-governanza tajba tal-foresti, il-ġestjoni sostenibbli tal-foresti kif ukoll il-protezzjoni tagħhom fil-pajjiżi li jinsabu fil-Lvant tal-Unjoni.

## IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Parlament Ewropew jilleġiżla b'mod ugwali mal-Kunsill f'bosta oqsma li għandhom impatt fuq il-foresti, pereżempju l-agrikoltura jew l-ambjent (fil-qafas tal-proċedura leġiżlattiva ordinarja). Barra minn hekk, il-Parlament jadotta l-baġit tal-UE flimkien mal-Kunsill. Il-Parlament kellu influwenza fuq bosta fajls leġiżlattivi li għandhom impatt fuq il-foresti, pereżempju fir-rigward tal-politika agrikola komuni kif ukoll il-politika tal-enerġija [emenda tad-Direttiva 2009/28/KE dwar il-promozzjoni tal-użu tal-enerġija minn sorsi rinnovabbli — 2016/0382 (COD).

Fil-passat, il-Parlament, permezz ta' diversi riżoluzzjonijiet, esprima ruħu favur aktar koordinazzjoni u koerenza tal-politika fl-Unjoni Ewropea fir-rigward tal-politiki differenti li jaffettwaw il-foresti Ewropej. Fit-30 ta' Jannar 1997, bl-adozzjoni tar-riżoluzzjoni tiegħu dwar l-istrateġija tal-Unjoni Ewropea dwar il-foresti[1] (l-ewwel rapport fuq inizjattiva proprja tiegħu), il-Parlament stieden lill-Kummissjoni tippreżenta proposti għal strateġija Ewropea dwar il-foresti. Din it-talba ġiet imwieġba mill-Kummissjoni bil-komunikazzjoni tagħha dwar strateġija forestali għall-Unjoni Ewropea [COM(1998)0649] li mbagħad ġiet appoġġata mill-Kunsill, li adottat l-ewwel Strateġija tal-UE dwar il-Foresti fil-15 ta' Diċembru 1998.

B'reazzjoni għar-rapport dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Forestali tal-UE [COM(2005)0084] għall-perjodu 1999-2004, il-Parlament enfasizza mill-ġdid l-importanza ta' din l-istrateġija u tenna l-appoġġ tiegħu permezz tar-riżoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Frar 2006 dwar l-implimentazzjoni ta' strateġija forestali għall-Unjoni Ewropea[2]. Fl-istess riżoluzzjoni, il-Parlament appoġġa l-implimentazzjoni ta' "Pjan ta' azzjoni tal-UE għall-ġestjoni sostenibbli tal-foresti" propost mill-Kummissjoni, li jissuġġerixxi sensiela ta' objettivi u miżuri koerenti u konkreti fid-diversi oqsma ta' politika marbuta mal-foresti. Dan il-"Pjan ta' Azzjoni tal-UE għall-Foresti" (FAP) kien oriġinarjament maħsub mill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin (2007-2011), bil-għan, bħala strument komplementari, ta' koordinazzjoni aħjar ta' 18-il "azzjoni essenzjali" definita [COM(2006)0302].

B'segwitu għall-Green Paper tal-Kummissjoni tal-1 ta' Marzu 2010 bit-titolu "Dwar il-Protezzjoni tal-Foresti u t-Tagħrif dwarhom fl-UE: Il-preparazzjoni tal-foresti għat-tibdil fil-klima" [COM(2010)0066], fir-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Mejju 2011[3], il-Parlament

[1]ĠU C 55, 24.2.1997, p. 22.
[2]ĠU C 290E, 29.11.2006, p. 413.
[3]ĠU C 377E, 7.12.2012, p. 23.

laqa' reviżjoni tal-Istrateġija Forestali sabiex jiġu indirizzati aħjar l-isfidi speċifiċi marbuta mat-tibdil fil-klima u l-ġestjoni sostenibbli u l-protezzjoni tal-foresti.

Fl-20 ta' Settembru 2013, il-Kummissjoni ppreżentat il-komunikazzjoni tagħha bit-titolu "Strateġija ġdida tal-UE għall-Foresti: għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti" [COM(2013)0659], u b'hekk wieġbet mhux biss għall-pressjonijiet dejjem akbar fuq il-foresti, iżda anke għal bidliet soċjali u politiċi sinifikanti. Din il-verżjoni riformulata kienet appoġġata mill-Kunsill bil-konklużjonijiet tiegħu tad-19 ta' Mejju 2014 u anke mill-Parlament bir-riżoluzzjoni tiegħu tat-28 ta' April 2015 bit-titolu "Strateġija ġdida tal-UE għall-foresti u s-settur ibbażat fuq il-foresti"[4]. F'din ir-riżoluzzjoni, il-Parlament jistieden lill-Kummissjoni tikkompleta l-istrateġija bi pjan ta' azzjoni li jkun fih miżuri speċifiċi u tagħti rendikont annwali quddiemu dwar il-progress li jkun sar fl-implimentazzjoni tiegħu. Il-Parlament enfasizza wkoll li l-implimentazzjoni tal-Istrateġija Forestali tal-UE għandha tkun proċess pluriennali koordinat. Fil-fehma tal-Parlament, għandha tingħata prijorità lill-promozzjoni tal-kompetittività u tas-sostenibbiltà tas-settur forestali, lill-appoġġ liż-żoni rurali u urbani, lill-iżvilupp tal-bażi tal-għarfien, lill-protezzjoni tal-foresti u lill-ħarsien tal-ekosistemi tagħhom, lit-titjib tal-koordinazzjoni u tal-komunikazzjoni kif ukoll liż-żieda fl-użu sostenibbli tal-injam u tal-prodotti forestali mhux tal-injam.

Il-"Pjan ta' Implimentazzjoni Pluriennali tal-Istrateġija Forestali l-ġdida tal-UE" [SWD(2015)0164] li rriżulta, ġie ppubblikat mill-Kummissjoni fit-3 ta' Settembru 2015. Jelenka għadd ta' azzjonijiet biex jiġi żgurat approċċ koerenti u koordinat għad-diversi politiki u inizjattivi marbuta mas-settur tal-foresti, bl-involviment partikolari tal-partijiet interessati. L-hekk imsejjaħ "Forest MAP" jipprovdi qafas li fih il-miżuri ġodda kollha fi kwalunkwe wieħed mid-diversi oqsma relatati mal-foresti jistgħu jiġu kkunsidrati. It-tmien oqsma prijoritarji li ġejjin ikopru t-tliet pilastri tal-ġestjoni sostenibbli tal-foresti, jiġifieri dawk soċjali, ekonomiċi u ambjentali: (1) l-appoġġ għall-komunitajiet rurali u urbani tagħna; (2) it-trawwim tal-kompetittività u tas-sostenibbiltà tal-industriji bbażati fuq il-foresti, il-bijoenerġija u l-ekonomija ekoloġika usa'; (3) il-foresti fi klima li qed tinbidel; (4) il-protezzjoni tal-foresti u t-titjib tas-servizzi tal-ekosistemi; (5) l-informazzjoni dwar il-foresti u l-monitoraġġ tagħhom; (6) ir-riċerka u l-innovazzjoni; (7) il-ħidma konġunta; u (8) il-foresti minn perspettiva globali. Dan il-pjan jinkludi anness bil-lista ta' azzjonijiet konkreti għall-perjodu 2014-2020, l-atturi kkonċernati u ż-żmien propizju għall-attivitajiet differenti, kif ukoll ir-riżultati mistennija. Il-Kummissjoni impenjat ruħha wkoll li tinforma regolarment lill-Parlament u lill-Kunsill dwar il-progress li jkun qed isir bl-Istrateġija Forestali tal-UE. Wara l-ewwel fażi (2015-2017), li wasslet għall-implimentazzjoni ta' sensiela ta' miżuri prijoritarji, ir-rapport ta' progress tal-Kummissjoni ta' Diċembru 2018 [COM(2018)0811] dwar l-istrateġija forestali tal-Unjoni tivvaluta l-progress miksub fl-ambitu tal-pjan ta' azzjoni pluriennali u għandha tgħin biex tidentifika l-prijoritajiet għat-tieni fażi (2018-2020) tal-implimentazzjoni tagħha.

François Nègre
05/2019

[4]ĠU C 346, 21.9.2016, p. 17.